MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 08 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 178/2002/1

**Avviz Numru 178/02 AJD**
**Joseph Mifsud u Maria Dolores Mifsud**

**vs**

**David Cremona**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Jannar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi is-somma ta' erba' mija u erbghin Lira Maltin (Lm440.00) rappresentanti skadenzi ta' kera ta' Lm40.00 fis-sena fuq il-fond 138, Rue D'Argens, Msida ghall-iskadenzi mill-20 ta' Jannar 1991 sal-20 ta' Jannar 2001.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Claudine Zarb in rappresentanza tal-atturi, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u erbghin lira Maltin (Lm440.00)

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**